MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 6/1999/1

**Joseph u Rita konjugi Grima**

**Vs**

**Francis sive Frank u Emanuela konjugi Rapa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tat-talba prezentat mill-atturi li permezz tieghu talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta’ tmien mija u lira Maltija (Lm801) dovut bhala prezz ta’ xoghol maghmul mill-attur Joseph Grima, fuq struzzjonijiet u a beneficcju taghhom.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut fit-8 ta’ Frar 1999[1] li permezz taghha eccepew li t-talbiet

[1] Fol. 6.

attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-ammont rikjest huwa ezagerat.

Rat id-digriet moghti mill-Qorti fil-11 ta’ April 2000[2] li permezz tieghu hatret lill-perit Joseph Mizzi bhala perit tekniku.

Rat ir-rapport imhejji mill-perit tekniku Joseph Mizzi fis-16 ta’ Novembru 2001[3].

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta’ Novembru 2004 (fol. 34-39) li permezz taghha l-konvenut gew kundannati jhallsu s-somma ta’ erbgha mitt lira Maltija (Lm400).

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri – Ghawdex) tas-7 ta’ Lulju 2005 (fol. 48-58) li permezz taghha giet revokata s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti.

Rat in-nota prezentata mill-perit tekniku fis-16 ta’ Mejju 2007[4] debitament ikkonfermata bil-gurament fis-seduta tal-1 ta’ Gunju 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Gunju 2007 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Illi permezz tal-proceduri odjerni l-atturi qeghdin jitolbu hlas tas-somma ta’ tmien mija u wiehed liri Maltin (Lm801) ghal xogholijiet li saru fuq inkarigu tal-konvenut. Min-naha taghhom il-konvenuti kkontestaw il-hlas bhala li huwa ezagerat.

2. Mill-ittri li ntbaghatu mid-difensur tal-konvenut qabel ma bdew il-proceduri jirrizulta li l-kontestazzjoni kienet minhabba s-segwenti ragunijiet:-

[2] Fol. 12.
[3] Fol. 19-21.
[4] Fol. 82-83.

(a) Ir-rati mahduma mill-atturi.
(b) Il-granet ta’ xoghol li taghhom intalbu l-hlas.
(c) Il-kwantita’ ta’ materjal uzat.

Fl-ittra datata 12 ta’ Ottubru 1998[5] il-konvenuti jsostnu li l-ammont dovut m’ghandux jeccedi s-somma ta’ mitejn lira Maltija (Lm200).

3. Fir-rapport tal-perit tekniku jinghad:-

*“1) Peress li l-attur baqa’ ma pprezentax l-invoices li jirrigwardaw it-tul ta’ zmien li huwa u l-haddiema tieghu damu jahdmu fuq id-dar, liema invoices kellhom jigu kkonfermati bil-gurament;*
*2) Peress li l-esponent ma ghandux hjiel f’liema stat kien jinsab il-bini tad-dar qabel beda x-xoghol l-attur;*
*3) Peress li ma kienx sar ftehim kif ghandu jitkejjel x-xoghol, ghalkemm donnu kien hemm qbil bejn il-partijiet li x-xoghol kellu jithallas bil-gurnata;*
*4) Peress li l-haddiema ta’ l-attur qatt ma ngiebu sabiex jixhdu f’xi seduta, liema haddiema setghu jghidu kemm fil-fatt damu jahdmu fuq id-dar tal-konvenut;*

*L-esponent ihoss li ma hix haga facli li wiehed jasal ghal stima ta’ xoghol fuq ix-xhieda li nstemghet fis-seduti mizmuma mill-istess esponent.*

*Pero’ wara li sar l-access fuq il-post l-esponent huwa ta’ l-opinjoni li l-kont li jammont ghal Lm801 huwa ezagerat u sakemm ma jingiebux provi konkreti u bil-gurament li fil-fatt il-haddiema ta’ l-attur damu jahdmu fuq il-post aktar minn gimgha kif xehed il-konvenut, il-valur rejalistiku tax-xoghol dovut lill-attur ma ghandux jeccedi s-somma ta’ erba’ mitt lira Maltija”*[6].

[5] Fol. 7.
[6] Fol. 21.

4. Permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fis-7 ta’ Lulju 2005, l-atturi gew awtorizzati sabiex *“jipprocudu x-xhieda minnhom indikati fil-verbal tal-process a fol. 28 u jesebixxu d-dokumenti indikati fil-verbal a fol. 29”*[7]. Skond il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2003 ix-xhieda kienu *“Joseph Borg u iehor certu Silvan”* (prezumibilment il-haddiema tal-attur li hadmu fuq ix-xoghol). Fis-seduta tas-27 ta’ April 2007[8] l-atturi ddikjaraw li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghal dawn ix-xhieda. Il-prova l-ohra li kellha ssir kienet li jigu ezebiti d-dokumenti li kienu jifformaw parti mill-atti tal-avviz numru 138/89 u li jinsabu a fol. 32 sa 34 ta’ dawk l-atti. Fil-fatt kopja ta’ dawn id-dokumenti gew inseriti f’dan il-process. Dawn id-dokumenti huma tlett invoices (78,79 u 80) mahruga lil Rapa Bros. Co. jirreferu ghall-perjodi differenti (Dicembru 1996, Jannar 1997 u Jannar1998). Fihom jissemmew granet ta’ xoghol li hadmu nies differenti.

5. Fin-nota li ghamel il-perit tekniku u li pprezenta fis-16 ta’ Mejju 2007 iddikjara, wara li ra l-imsemmija dokumenti:- *“jekk dawn l-invoices tal-attur huma korretti u genwini, ghallura l-konvenut huwa ntitolat ghal dan l-ammont. Pero’ il-fatt li l-haddiema ta’ l-attur ma kienux sorveljati bizzejjed waqt il-gurnata tax-xoghol taghhom u skond il-konvenut intuzaw biss zewg tankijiet bis-sealer minn dan l-ammont ta’ Lm800 ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm80 u Lm52 jew Lm132”*[9]. Fir-rapport originali tieghu l-perit tekniku ddikjara li l-ammont ta’ hlas ma kellux jeccedi s-somma ta’ erbgha mitt lira Maltija (Lm400) *“sakemm ma jingiebux provi konkreti u bil-gurament li fil-fatt il-haddiema ta’ l-attur damu jahdmu fuq il-post iktar minn gimgha kif xehed il-konvenut”*.

Wiehed ma jistax jonqos milli jistqarr li l-provi li tressqu huma skarsi ghall-ahhar u l-ezercizzju li trid taghmel il-Qort mhuwiex wiehed facli. Fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2001 li saret quddiem il-perit tekniku, l-attur elenka x-xogholijiet li ghamel. Mill-provi jidher li l-partijiet ma kienux ftehemu

[7] Fol. 58.
[8] Fol. 77.
[9] Fol. 82-83.

dwar prezz. Il-Qorti qeghda tifhem li l-perit wasal ghas-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400) wara li ra b'ghajnejh il-volum ta' xoghol li sar mill-atturi fil-proprjeta' tal-konvenuti. Fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2007 il-perit tekniku ddikjara li meta rreveda l-ammont li originarjament kien illikwida, qaghad biss fuq l-informazzjoni li tirrizulta mt-tlett invoices mahruga mill-atturi.

6. Huwa minnu li l-principju hu li:- *"f'materja ta' valur ta' prova dwar ir-rapport tekniku l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-"giudizio dell'arte" kif espress mill-perit tekniku m'ghandhux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi lkonkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi, irragjonevoli. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta il-konkluzzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika"* [Qorti ta' l-Appell **Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat** [23 ta' Gunju 1967] Vol.LI.i.390 u l-istess Qorti fil-kawza **Philip Grima vs Carmelo Mamo** deciza fid-29 ta' Mejju 1998].

7. Rilevanti dak li nghad fis-sentenza **Nazzareno Zammit vs Anthony Desira** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[10] fis-7 ta' Frar 2007:- *"Kjarament minn dawn il-ftit fatti johrog li l-kontrattazzjoni bejn il-partijiet tikkwalifika bhala wahda ta' locatio operas kif definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Dan il-provvediment ma jispecifikax f'hiex ghandu jikkonsisti l-hlas u wisq anqas kif ghandu jkun dan il-hlas (**Kollez. Vol. XXXIX P II p 559**). L-istess ligi, pero`, fl-artikolu sussegwenti (1624) tahseb ghas-sitwazzjoni fejn ma jkunx gie stabbilit il-hlas jew fi ftehim, jew b'ligi jew b' uzu. Dan taghmlu billi tassenja lill-gudikant il-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux*

[10] Onor. Imhallef P. Sciberras.

*vinkolat minn xi parametri prefissi. Minn dan jitnissel illi l-hlas ghandu jigi determinat skond kriterju ekwitativ, ispirat ghall-proporzjonalita` tal-korrispettiv man-natura, id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol. Jinghad a propozitu illi "fil-lokazzjoni ta' xoghol personali jigi kkunsidrat ix-xoghol stipulat, mill-punto di vista tat-tul tieghu, fil-kwalita` taz-zmien li dak li jkun jahdem ghas-sid" (**Kollez. Vol. L P I p 187**)".*

8. Fin-nota prezentata fis-16 ta' Mejju 2007 il-perit tekniku rreveda s-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400) ghas-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm668). L-attur irrimetta ruhu ghal dak li ddikjara il-perit tekniku permezz ta' l-imsemmija nota. L-opinjoni espressa mill-perit tekniku m'hijiex tali li tista' twassal lill-Qorti ghall-konvinciment li l-hlas dovut huwa dak ta' sitt mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm668) wara li mill-ammont pretiz naqqas is-somma ta' mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm132) ghaliex skond il-perit tekniku (*"…..il-haddiema ta' l-attur ma kienux sorveljati bizzejjed waqt il-gurnata tax-xoghol taghhom u skond il-konvenut intuzaw biss zewg tankijiet bis-sealer"*[11]). Fil-fatt fl-istess nota l-perit ighid li *"jekk dawn l-invoices tal-atturi huma korretti u genwini, ghallura l-konvenut huwa ntitolat ghal dan l-ammont"*. Fil-fehma tal-Qorti l-perit tekniku nnifsu sab ruhu fi stat ta' incertezza in kwantu kellu biss dawn it-tlett dokumenti u fir-rapport kien irrelata li kien hemm bzonn li jinstemghu l-haddiema li ghamlu xoghol fil-post. Il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(a) Hadd mill-haddiema li suppost hadmu f'dan ix-xoghol ma tressqu bhala xhieda mill-atturi. Hu fatt li min jallega jrid jipprova. Kien l-oneru ta' l-atturi li jressqu prova sodisfacenti dwar il-granet li fihom sar ix-xoghol. L-atturi nghataw l-opportunita' kollha li jressqu dawn il-provi matul is-snin kollha li ilhom pendenti dawn il-proceduri, pero' naqsu milli jressqu dawn il-provi. Sahansitra ghamlu

[11] Fol. 82-83.

appell mis-sentenza moghtija fid-19 ta' Novembru 2004, u permezz tas-sentenza moghtija fis-7 ta' Lulju 2005 il-Qorti ta' l-Appell tathom opportunita' li jressqu l-haddiema bhala prova. Prova li pero' xorta naqsu milli jressqu.

(b) Ir-rati ta' hlas bil-gurnata jvarjaw minn dokument ghall-iehor. Per ezempju f'dak ta' Dicembru 1996 ghal kull gurnata hemm min thallas tmintax-il lira Maltija (Lm18) u ohrajn li thallsu bl-erbatax-il lira Maltija (Lm14) filwaqt li fil-kont ta' Jannar 1998 hemm min thallas bl-ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gurnata u l-ohrajn hmistax-il lira Maltija (Lm15) kuljum. Dwar dan l-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni.

(c) Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ta' kif tqassam ix-xoghol li sar fil-proprjeta' tal-konvenuti, il-hinijiet ta' xoghol, kif hemm rati differenti, u kif l-atturi waslu ghal dawk ir-rati meta mill-provi jirrizulta li m'hemm l-ebda ftehim dwar ir-rati tal-hlas. Lanqas ma nghatat spjegazzjoni dwar kif il-kontijiet jvarjaw fir-rigward taz-zmien li ghalih jirreferu (Dicembru 1996, Jannar 1997 u Jannar 1998). Dan iktar u iktar meta sahansitra l-konvenuti qeghdin isostnu li ma sarx iktar minn gimgha xoghol.

(d) Il-konvenut xehed ukoll li l-attur kien qallu li fir-rigward ta' xoghol bil-gurnata jithallas Lm15 ghal kull gurnata; l-attur kien ikun prezenti sakemm imbarxet il-faccata tad-dar u wara kien jittawwal u jitlaq u jibqghu biss il-haddiema; u li l-attur kellu zewg haddiema, wiehed kellu paga ta' tnax-il lira Maltija (Lm12) kuljum u l-iehor hdax-il lira Maltija (Lm11) kuljum. Dikjarazzjonijiet li ma gewx ribattuti da parti ta' l-atturi. Dan apparti l-fatt li l-attur stess ikkonferma li waqt li kien qieghed isir ix-xoghol il-konvenut kien ikun fuq il-post kuljum u ghalhekk jidher li kien qieghed isegwi sew il-progress tax-xoghol.

9. Skond id-dottrina procedurali kull Qorti ghandha tiddeciedi *iuxta alligata et probata* fuq ic-cirkostanzi ta' fatt ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u mill-provi offerti mill-partijiet ghall-ezami taghha. F'dan l-isfond il-

Qorti ma thossx li hi f'posizzjoni li taddotta fl-intjier dak li nghad mill-perit tekniku fin-nota prezentata fis-16 ta' Mejju 2007. Il-Qorti ma hijiex marbuta li taccetta l-konkluzjoni tar-rapport tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha (Artikolu 681, Kapitolu 12) dan iktar u iktar meta tqies li l-konkluzjoni li wasal ghaliha l-perit tekniku fin-nota minnu pprezentata fis-16 ta' Mejju 2007 m'hijiex bazata fuq xi aspetti teknici konvincenti. Huwa facli li wiehed jipprezenta kont, kif wara kollox ghamlu l-atturi, u ma jaghti l-ebda spjega jew sodisfazzjon dwar dak li jinghad fil-kont.

Ghal dawn il-motivi u mehud in konsiderazzjoni ta' dak li ddikjara l-perit tekniku l-Qorti hija tal-fehma li l-ammont pretiz mill-atturi huwa ezagerat u ghalhekk ser tezercita d-diskrezzjoni taghha u tillikwida fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500), u tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-atturi s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bl-imghax fuq is-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400) b'sehh mis-16 ta' Novembru 2001 data meta l-perit tekniku pprezenta l-ewwel rapport tieghu u l-mitt lira Maltija (Lm100) mil-lum.

Spejjez tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju 2005 ghandhom jibqghu kif jinghad f'dik l-istess sentenza, filwaqt li l-ispejjez l-ohra jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) fuq l-atturi u terz (1/3) a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------